Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR STACY ATTARD) VS MAHAD MOHAMED ABDIQANI

(TENTATTIV TA' REAT – KAP. 9 ART. 41 – SERQ – STAT TA' ĠENN WAQT L-GĦEMIL TA' REAT – KAP. 9 ART. 33(A))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29 ta' Ottubru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Mahad Mohamed Abdiqani ta' 23 sena, iben Mohamed u Khadra nee' Abdilahi imwieled fis-Somalja fl-1 ta' Jannar 1995, residenti Flat 1, St. Joseph, St. George's Street, Safi u detentur tal-karta ta' l-identità numru 115119A ("l-imputat" jew "id-difiża"),

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-31 ta' Ottubru 2019,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża a tenur tal-Artikolu 33(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens illi l-imputat kien fi stat te'ġenn fil-perjodu meta seħħ l-allegat reat,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Stacy Attard
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Graziella Tanti,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2018 bis-segwenti akkużi:

    a. talli fil-15 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta ta' 18:55hrs u/jew ħinijiet wara ġewwa l-fond *Shablis & Co,* Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun u/jew f'dawn il-Gżejjer, bil-ħsieb li jwettaq serq, wera b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma' ġiex segwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, u

    b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża għal erba' snin liema sentenza ġiet mogħtija mill-Maġistrat F. Depasquale LL.D. fil-5 ta' Lulju 2018, liema sentenza hija definittiva u ma' tistax tinbidel bi ksur tal-artikolu 28A u B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u

    c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna lil Tracy Ellul Bukva (ID. 272869M) u lil Anuska Allen (ID. 306400L) il-biża li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti jew aħwa subien jew bniet.

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistgħux jiġu mibdula.

3. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Tracy Ellul Bukva (ID. 272869M) u Anuska Allen (ID. 306400L) u tapplika l-provvedimenti tal-Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Oltre s-seduta fejn inżammet il-preżentata, inżammu tlett seduti oħra, fit-28 ta' Novembru 2018, fit-18 ta' Ġunju 2020 u fit-28 ta' Lulju 2020.

5. Fis-17 t'Ottubru 2018, meta l-imputat tressaq taħt arrest, ġie verbalizzat *inter alia* illi: *"L-espert traduttur Houto Nazmi għarraf il-Qorti ukoll li għalkemm huwa inizjalment kien f'posizzjoni li jikkomunika mal-akkużat, meta ġie l-Qorti l-akkużat mhux qed jikkomunika miegħu u qed jaġixxi b'mod illi jagħtih x'jifhem li mhux qed jifhem x'qed jingħad. Dr. Tant irrilevat li in vista tad-diffikultajiet li hija għandha ma'*

*hijiex f'posizzjoni li tiddefendi l-akkużat u għalhekk talbet il-Qorti tikkonsidra jekk ikunx opportun li jitqabbad espert psikjatra biex jevalwa lill-akkużat u jivverifika jekk hux fi stat mentali ta' kapaċità li jifhem dak li qed isir illum kif ukoll jekk kienx kapaċi jifhem ir-responsabbiltà' kriminali tal-azzjonijiet tiegħu...Il-Qorti f'dan l-istadju tqabbad lill-espert psikjatra Dr. Joseph Cassar sabiex jeżamina lill-akkużat u jgħarraf lill-Qorti jekk l-akkużat hux fi stat ta' ġenn jew le u jekk hux f'posizzjoni li jagħraf ir-responsabiltà' kriminal tiegħu. In vista tal-aġir tal-akkużat, jidher li ma' huma xejn normali u għalhekk il-Qorti tordna lill-awtoritajiet kompetenti sabiex l-akkużat jinżamm ġewwa ċ-Centru Forensiku tal-Habs ossia Mount Carmel sabiex hemmhekk ikun jista' jiġi evalwat u bl-għajnuna tal-espert imqabbad mill-Qorti, il-Qorti tiġi indikata jekk l-akkużat hux fi stat ta' ġenn jew le."*

6. Fis-27 ta' Novembru 2018 il-Konsulent Psikjatra Dr. Joseph Cassar ippreżenta u ħalef ir-rapport tiegħu li ħejja wara li għamel *assessment* tal-imputat fil-15 ta' Novembru 2018. Minn dan ir-rapport joħroġ *inter alia* s-segwenti:

    - *"Id-diskors kien imgerfex u tangenzjali. L-akkużat deher mitluf u perplessa matul il-laqgħa. Il-kontenut tal-ħsieb kien irregolari. Innega sintomi ta' dwejjaq u ħsibijiet dwar il-mewt. Huwa ammetta illi huwa ppersegwitat minn ilħna ġewwa moħħu li x'aktarx huma alluċinazzjonijiet. Konjittivament stabbli."*

    - *"Kunsiderazzjonijiet peritali: Wara Ii kkunsidrajt l-eżami psikjatriku tas-Sur Mahad Mohammed Abdiqani, nikkonferma Ii fil-preżent l-akkuzat mhuwiex mentalment stabbli u huwa psikotiku. L-istorja psikjatrika tiegħu wriet li l-kundizzjoni mentali tiegħu titjieb meta huwa jieħu l-mediċina preskritta. F'dan il-mument, jinsab fi stat ta' ġenn u għalhekk mhux f'posizzjoni li jagħraf ir-responsabbiltà kriminali tiegħu u ma' jistax jifhem il-kawża"*

7. Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2018 il-Qorti wara rat l-Art. 623(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li l-imputat jibqa' jinżamm taħt il-kustodja tal-Awtoritajiet skond l-Att dwar is-Saħħa Mentali u jibqa' jinżamm hemmhekk sakemm l-Awtoritajiet iqisu illi huwa fi stat mentali li jista' jifhem il-kawża bl-intiża ċara li meta l-Awtoritajiet jikkunsidraw illi huwa fi stat li jifhem il-kawża, huma għandhom jgħarrfu dan minnufih lill-Qorti.

8. Fl-10 ta' Mejju 2019 din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Fid-9 ta' Ġunju 2020 il-Qorti rrikjamat il-kawża għat-18 ta' Ġunju 2020.

10. Fit-28 ta' Ġunju 2020 tħarrket biex tixhed il-Konsulent Psikjatra Dr. Marija Axiak illi hija ukoll il-psikjatra kuranti tal-imputat ġewwa l-Forensic Unit. Fost affarijiet oħra intqal is-segwenti:

*"Dr. Maria Axiak: ... Ahna rajnih l- ewwel darba fis- 17 t' Ottubru meta gie referut gewwa l- Forensic Unit. U kien carament qieghed fi stat mentali mhux stabbli. Minn Ottubru tal- 2018 s' issa ghadu jirrisedi gewwa l- Forensic Unit. Tajnih il- kura li ma kienx qieghed jiehu, forma ta' injection u l- istat mentali tieghu mpruvja tali li jista' jikkomunika mal- Qorti u jifhem dak li qeghdin tghidulu. U ilu stabbli ghal dawn l- ahhar sena u fuqhom jigifieri. Qed nitkellmu wra xahrejn, tlett xhur kien diga qieghed stabbli.*

*Prosekuzzjoni: Inti tista' tikkonferma jekk l- istat mentali tieghu ma kienx stabbli minhabba n- nuqqas ta' medicina li ma kienx qed jiehu?*

*Dr. Maria Axiak: Kien hemm zewg fatturi. L- istorja tieghu tindikalna li l- bniedem, l- individwu huwa difficli biex jikkoncepixxi l- importanza tal- medicina. Il- kundizzjoni tieghu hija dik ta' schizoaffective disorder fejn bniedem ma jkollux insight nghidulu. Jigifieri ma jkollux il- konjezzjonijiet, il- kapacitajiet biex jifhem il- bzonn tal- medicina. Sfortunatament ghalhekk ikollna nirrizortjaw ghal injection kull xahar... Dan huwa l- erbatax- il (14) darba li dahal gewwa Mount Carmel minhabba l- istess raguni ghaliex kellu relapse u minhabba f' hekk kont hadt id- decizjoni li naghtih il- medicina forma ta' injection. Xi haga li kien diga jiehu qabel meta kien gewwa l- habs. Pero' meta mbaghad hareg fil- komunita' ma kienx kapaci jaghraf il- bzonn taghha...*

*Prosekuzzjoni: Ma nafx nistax insaqsiha xi domandi. Tkun tista' bejn wiehed u iehor tghid jekk qabel, f' dak il- gurnata tar- reat, jigifieri fil- 15th u qed nghidu li hu dahal fis- 17th kienx f' dan l- istat ta' genn?*

***Dr. Maria Axiak: Jiena ma kontx fil- 15, I mean ma rajtux fil- 15. Imma m' ghandi l- ebda dubju li kien fl- istess stat li rajtu meta rajtu fis- 17 t' Ottubru. Ghaliex il-***

***kundizzjoni li ghandu mhijiex wahda li tigi f' gurnata jew siegha. Hija xi haga progressiva...***

*Avukat: Meta ezaminajtu l- ahhar inti min- naha tieghek …*

*Dr. Maria Axiak: Fit- 23 ta' dan, ta' Lulju ta' l- 2020.*

*Avukat: U issa llum il- gurnata f' liema stat hu? F' liema stat jinsab? Jigifieri jifhimna jekk inkellmuh, jaf x' inhu ghaddej? Jifhimna jekk inkellmuh illum il- gurnata?*
*Dr. Maria Axiak: Iva. Bir- riserva nghidha pero' ghaliex il- base line tieghu ma nafuhx. Ma nafux kif kien meta twieled. Jiena ghandi dubji li l- bniedem ghandu problema ta' ntelligenza, kapacita' ntelletwali kif jifhem certa affarijiet. Apparti li ghandu l- kundizzjoni ta'  schizoaffective disorder. U nahseb ir- raguni ghalfejn li diehel u hiereg il- Qorti minhabba l- fatt li mhux kapaci jghix independently fil- komunita' anke jekk ikun qieghed jiehu l- kura jrid ikollu hafna sapport u hafna qisu xi haga residenzjali bazikament...*

*Qorti: Jigifieri hija kundizzjoni illi, ha nuza l- kelma, ma tigix trattata biss bil- medicina. Ma tistax tigi trattata biss bil- medicina.*

*Dr. Maria Axiak: Le, biex inkunu naf jekk ghandux il- kapacita' ntelletwali rridu naghmlu dak li nghidulu IQ testing. Pero' l- fatt li huwa ta' kultura differenti u lingwa differenti hija difficli hafna hawn Malta biex issir. Hija just ibbazata fuq osservazzjonijiet taghna ghal dawn l- ahhar snin... Jiena bhala rakkomandazzjoni tieghi li kieku kellu johrog mill- habs ikun qieghed gewwa Mount Carmel Hospital b' dak li nghidulu treatment order fejn ikun qieghed johrog bil- perjodu ta' leave mis- sala ta' Mount Carmel, inkunu qed naraw li mhux qieghed juza l- ebda haxixa ghax ovvjament tista' ggieghlu jkollu relapse...* ***U jkun monitored anke f' community supported community living. Pero' l- moniteragg irid isir ghal dejjem. L- istat mentali tieghu anke jekk ikun stabbli ghandu bzonn isir ghal dejjem ghaliex insight il- bniedem m' ghandux u ghandu dik il- potenzjalita li mhux kapaci l- intelletwalita tieghu mhix kapaci li jifhem****"*

11. L-Artikolu 33(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

'33. Kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas -

(a) kienet fi stat ta' ġenn ...'

12. Fin-noti tiegħu Sir Anthony Mamo jgħid illi:

*"It will be observed at once that our law has not bound itself by any specific 'a priori' test of responsibility in insanity. It has refrained from any attempt to define the conditions under which a man can plead mental unsoundness as an excuse for wrong-doing, wisely leaving each case to be decided in the light of its particular circumstances, usually with the assistance of medical experts...*
*... our law imposes no 'a priori test'. The question, when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a rental disease and, if so, whether it was of such a character and degree, as to take away the capacity to know the nature of his act and to help doing it. There must be the two constituent elements of legal responsibility in the commission of every crime:*

*(1) capacity of intellectual discrimination; and*
*(2) freedom of will.*

*If it is true, as a matter of fact, that mental disease can so affect the mind as to subvert the freedom of the will, and thereby destroy the power of the victim to choose between the right and the wrong, although he perceives it, a person so affected is not responsible criminally for an act done under the influence of such controlling disease. The question whether it be true in fact that insanity may have this effect of subverting the will is one of fact: it is a scientific one for experts and the truth of their testimony concerning the existence of such disease is in each case a question for the jury. And that scientists assert the existence of such disease we have already seen. Mandsley ('Responsibility in Mental Diseases', 4th Edition, p.110) writes: "The nature of a crime involves two elements: first the knowledge of its being an act contrary to law, and, secondly, the will to do or to forbear doing it. There are insane persons who, having the former are deprived by their disease of the latter: who may know an act to be unlawful but may be impelled to do it by a conviction or an impulse which they have not the will or the power to resist." Our Law, therefore, recognises insanity as an excuse not only when it deprives the victim of his power of distinguishing the physical and moral nature and quality of the act charged as an offence but also when it deprives him of his faculty of choice so as to exclude a free determination of his will in relation to that act. Insanity thus embraces all forms of disease of the mind, the word*

*'mind' being used as a general name for the combined operations of intellect and volition."*[1]

13. Mir-rapport tal-Konsulent Psikjatra maħtur mill-Qorti (li jagħti elenku ukoll tad-diversi drabi illi l-imputat iddaħħal l-Isptar Monte Karmeli qabel l-allegat reati in kwistjoni) u mix-xhieda tal-Konsulent Psikjatra kuranti tiegħu, joħroġ ċar illi fiż-żmien meta allegatament l-imputat wettaq ir-reati li ġie akkużat bihom huwa ma' kellux il-kapaċita intellettwali li jifhem u lanqas il-liberta' tax-xewqa/volontà sabiex jagħmel dak ġie akkużat li għamel.

14. F'dawn iċ-ċirkustanzi il-Qorti għalhekk tara li l-eċċezzjoni mqajjma mid-difiża dwar l-istat ta' dimenza tal-imputat għandha mis-sewwa u jistħoqqilha tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

15. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti wara li rat l-Artikoli 33(a), 525 u 623 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tiddikjara illi l-imputat huwa eżenti minn kull responsabiltà kriminali peress illi fil-waqt tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu huwa kien fi stat ta' ġenn u għaldaqstant tordna ai termini tal-Art. 623(1) illi l-imputat jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monti Karmeli biex hemmhekk jinżamm skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap 525 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż *inter alia* li l-imputat jibqa' soġġett li jinżamm bis-saħħa ta' din l-ordni sakemm jinħeles mill-Qorti wara li tliet speċjalisti, li wieħed minnhom ikun l-ispeċjalista responsabbli, jippreżentaw rapport li l-imputat jkun jista' jiġi hekk meħlus.**

    **Tordna n-notifika ta' din id-deċiżjoni lill-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | M. Azzopardi |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |